# MALTA MISSJUNARJA – IS-16-IL PARTI

## Inkomplu naqraw mill-imgħoddi

Bejn l-1957 u l-1961 dehru aktar poeżiji t'awturi differenti. Tnejn huma ta' Ġanni Bonnici, miktubin fi New York City: *Għal Darba* (Sena XXV, Diċembru 1957, nru 12, p.191), bi tmien strofi kwinarji u rima abċb, u *Fidi, Tama u Mħabba* (Sena XXVI, Jan. 1958, nru 1, p.19), b'erba' strofi novenarji u rima abċb, u *Pietru r-Ragħaj* (Sena XXVI, Marzu 1958, nru 3, pp.53-4) ta' Manwel Cassar[1] (1933-2019), poeżija twila b'35 strofa li huwa kiteb f'Victoria, l-Awstralja, fit-12 ta' Jannar; *Is-Sejħa* (Sena XXVI, Diċ. 1958, nru 12, p.281), poeżija ta' Theresa Busuttil, imwielda l-Gudja. Tnejn oħra huma ta' Gaspare Pace, il-qabbiel mis-Siġġiewi: *Redde Rationem (taqla' ħobża jekk tagħti bukkun[2])* (Sena XXV, Ġunju 1957, nru 6, p.83), poeżija b'10 strofi endekasillabi, b'ħames versi l-waħda u rima abċbb, u *Lill-Qalbieni Missjunarju John A. Scicluna, S.J. – fit-Tluq Tiegħu għall-Missjoni tas-Santals fl-Indja* (Sena XXV, Novembru 1957, nru 11, p.170), datata 13-8-57, bi tmien strofi endekasillabi u rima abċb.

Dun Anton Xiberras [DAX] ukoll kompla jagħtina aktar xogħlijiet minn tiegħu fil-paġna tat-tfal taħt il-psewdonimu ta' 'Il-Missjunarju x-Xiħ': *L-Isbaħ Jum tas-Sena* (Sena XXVI, Ottubru 1958, nru 10, pp.237-8), buzzett missjunarju li fih jieħdu sehem Missjunarju u tlett itfal Afrikani, tnejn minnhom jisimhom Swomi u Wangu; *Presepju Ħaj* (Sena XXVII, Diċembru 1959, nru 12, pp.284-5), buzzett għall-Milied li fih jaħdmu Missjunarji u tlett itfal Ċiniżi Kattoliċi: Hiu-Kim, Xen-Kai, Ciu-Fin; *Il-Missjunarju tal-Maltin* (Sena XXVIII, Lulju 1960, nru 7, pp.166-7), buzzett b'tifkira taċ-ċentinarju Pawlin, fejn il-ġrajja sseħħ fuq ix-Xatt tal-Birgu u li fih jaħdmu San Pawl u San Publju, u żewġ Maltin, Myriam u Pietru; *It-Tliet Maġi* (Sena XXVIII, Diċembru 1960, nru 12, pp.286-7), buzzett għall-jiem tal-Milied fi tliet xeni li fih jaħdmu Chen (Ċiniż), Yukon (Ġappuniż) u Pakan (Indjan); *Il-Qanpiena tal-Wied* (Sena XXIX, Ottubru 1961, nru 10, pp.238-9), buzzett għall-Ġurnata Missjunarja li fih jaħdmu Cen-ho, tfajjel Ċiniż, u Cun-li u Ken-sju, it-tnejn tfajliet Ċiniżi.



L-istampa tal-qoxra tar-riviżta t'Ottubru 1957.

*Miet Mons. Alfons Agius* (Sena XXV, April 1957,

---

[1] Imwieled l-Imsida, Cassar huwa kittieb ta' versi, stejjer u novelli. Fl-1955 emigra għall-Awstralja (1955). Waqqaf tal-Għaqda Letteratura tal-Maltin fl-Awstralja (1959). Xogħlijietu dehru f'ġurnali lokali u fl-Awstralja f'ġabriet ta' proża u poeżiji.

[2] Kelma ġejja mit-Taljan, *boccono* = ħalq, iżda fil-Malti din tfisser gidma, loqma jew biċċa ħobż, imma wkoll, ħalq mimli ħobż, jew inkella xi ikla żgħira.

nru 4, p.64): Għar-rivista missjunarja, is-sena 1957 kienet tfisser 25 sena ħajja minn mindu bdiet toħroġ f'Settembru tal-1932. F'dik l-istess sena nzerta miet Mons. Alfonso Agius B.A., D.D. (21.iv.1873-17.iii.1957), l-ewwel Direttur Nazzjonali tal-OMP f'Malta, li ġrat sbieħ il-Ħadd 17 ta' Marzu fl-għomor ta' kważi 84 sena. Skont kif ħabbret ir-rivista: 'Il-mewt, anki jekk ġiet għal għarrieda, sabitu ppreparat, kien ilu ħafna jħabbarha lil ħbiebu u lil ta' madwaru u jirrikkmandalhom li jitolbu għalih.' Il-ħatra tiegħu bħala Direttur daħlet fis-seħħ wara li ġie nnominat hekk mis-Sagra Kongregazzjoni de Propaganda Fide fis-26 ta' Settembru 1931. Dan id-dipartiment fi ħdan l-amministrazzjoni pontifikali bl-isem ta' *sacra congregatio christiano nomini propagando,* huwa responsabbli mit-tixrid tal-Kattoliċiżmu u mir-regolazzjoni tal-affarijiet ekkleżjastiċi f'pajjiżi mhux Insara. Mons. Agius baqa' Direttur sa Marzu 1950, meta mbagħad 'saħħtu ma ħallitlux iżjed il-forza li jkompli jwettaq il-ħidma li kienet titlob dik il-kariga.'

Nota bijografika: Il-Mons. twieled il-Belt Valletta minn Antonio Agius, li kien jieħu



Mons. Alfonso Agius (1873-1957) – l-ewwel Direttur Nazzjonali tal-OMP f'Malta.

ħsieb it-teatru anatomiku fl-isptar ċentrali tal-Furjana, u Rosa Cristiano. Ġab il-B.A. (1895) u D.D. (1898) mill-Università ta' Malta u sar qassis f'Ġunju tal-1897. Fl-1904 beda jgħallem fil-Liċeo, u aktar tard laħaq Direttur Spiritwali t'hemmhekk stess. Sa dak iż-żmien kien jgħammar fi Triq Grenfell, San Ġiljan, iżda mbagħad mar joqgħod l-Imdina flimkien ma' ħutu wara li ħareġ bil-pensjoni fl-1936. Bħala Direttur Nazzjonali kien hu li għażel liż-żewġ Diretturi Djoċesani għall-gżejjer Maltin u inkoraġġixxa ħafna l-iżvilupp kbir li l-OMP bdew jieħdu fiż-żewġ Djoċesi. Kien hu wkoll, li inkoraġġixxa b'kull mod biex ir-rivista missjunarju bdiet toħroġ fl-1932, u li swiet ħafna biex jikber l-interess għall-Missjoni u għall-OMP f'Malta. Huwa baqa' jieħu interess kontinwu f'ħidmietha anki wara li kien spiċċa minn Direttur Nazzjonali.



Dun Ġwann Sciberras (1907-1983) – it-tielet editur tar-rivista 'Malta Missjunarja'.

Kif kien xieraq, l-editorjal tal-ħarġa t'Ottubru 1957 kellu bħala titlu: *Għaddew 25 Sena* (Sena XXV, nru 10, p.145). Fi kliem id-Direttur Dun Ġwann Sciberras, din 'għaddiet, mingħajr qatt ma waqfet, dejjem 'il quddiem, bi skop ewlieni li twassal lill-qarrejja tagħha l-aħbar tal-Vanġelu fost il-ġnus infidili u tkebbishom bl-imħabba għall-missjonijiet.' Dan is-suċċess huwa dovut 'mhux biss għad-Diretturi u l-Kollaboraturi, iżda taż-Żelaturi u Żelatriċi li dejjem ħabirku jqassmu MM u jiġbru l-abbonamenti.' Ma' dawn wieħed irid iżid ukoll ħafna abbonati u qarrejja li bil-koperazzjoni tagħhom ir-rivista setgħet dejjem

timxi 'l quddiem. Ħajr ukoll lill-AK li dejjem ħabirket biex tqassam MM u ssib abbonati ġodda, u lill-Kroċjata Missjunarja San Pawl tas-Seminarju li dejjem bagħtet artikoli u suġġerimenti ta' fejda mhux żgħira. Hija x-xewqa tal-editur, li dan il-Ġublew tal-Fidda tal-perjodiku jiġi ċċelebrat 'b'dik is-sempliċità karatteristika tal-missjunarji li biha dejjem mexa tul dawn il-25 sena.' Skontu, iċ-ċelebrazzjoni kienet marbuta wkoll mal-Ġurnata Missjunarja li tfakkar fil-miljuni ta' infidili mad-dinja kollha, b'mod speċjali fl-Afrika, fejn f'dik is-sena, Papa Piju XII (1876-1956) kiteb l-Enċiklika *Fidei Donum* (Id-don tal-fidi) 'biex jitlobna ninxteħtu b'ħilitna kollha għall-konverżjoni ta' dan il-kontinent.' Huwa jagħlaq billi jħeġġeġ 'lill-qarrejja u ħbieb kollha jitolbu, ħalli l-Mulej ikompli jixħet il-barka tiegħu fuq l-organu tal-OMP u jkompli jkattar l-għadd tal-abbonati.'



Mons. Mikiel Gonzi K.B.E., D.D. (1885-1984) – Arċisqof ta' Malta.



Mons. Ġużeppi Pace (1890-1972) – Isqof t'Għawdex.

**Żewġ ittri ta' radd il-ħajr fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda:** F'paġna 147 tal-istess ħarġa nsibu żewġ ittri, it-tnejn indirizzati lill-Mons. Antonio Cilia, Direttur Nazzjonali tal-OMP. Waħda ħarġet mill-Palazz Arċiveskovili tal-Belt Valletta, bid-data tad-9 ta' Settembru 1957, fejn l-Arċisqof Mikiel Gonzi (1885-1984) jgħid hekk: '*Bil-qalb kollha nbierku l-perjodiku MM fl-okkażjoni tal-għeluq l-ewwel 25 sena tiegħu u lil dawk kollha li jmexxuh, ixerrduh u jaqrawh, u nixtiequ li jkompli jikber sabiex permezz tiegħu tikber dejjem iżjed f'Malta l-imħabba u l-ġenerożità għall-missjoni.* / + Michael / Arċisqof ta' Malta.' L-ittra l-oħra ħarġet mill-Palazz Veskovili t'Għawdex fit-18 ta' Awwissu tal-istess sena, u li fiha l-Isqof Ġużeppi Pace (1890-1972) kiteb hekk: '*Reverendissimu Monsinjur, / Sirt naf li l-perjodiku MM, immexxi mill-OMP f'Malta sejjer jagħlaq il-25 sena tal-pubblikazzjoni tiegħu. / Irrid għalhekk nifraħ lilek u nirringrazzjak tal-ġid kbir li sar permezz tiegħu fost il-fidili tiegħi billi kebbes fihom u kabbar l-imħabba għall-Missjonijiet. / Nawgura li l-perjodiku jkollu ħajja twila biex jibqa' jagħti frott akbar favur il-Missjonijiet għall-glorja t'Alla u l-ġid tal-erwieħ. / Magħqudin fit-talb għoddni - / Devotissimu f'Ġesù] Cristu]* / + Ġiuseppe / Isqof ta' Għawdex.

*Mogħdija taż-Żmien* huwa ktieb ieħor ta' DAX maħruġ fl-1959 kollu logħob, ċajt u

stejjer. L-ewwel darba li deher riklam tiegħu kien fil-ħarġa t'Awwissu 1958, p.174: 'Dalwaqt joħroġ *Mogħdija taż-Żmien* / Logħob – Ċajt / Mistoqsijiet strambi, / Titilfuhx!' Ix-xahar ta' wara, f'p.215, deher ieħor ħafna aktar dettaljat: Sorpriża għall-qarrejja tagħna / Ktieb Ġdid / X'fih – 150 kwizz / 200 mistoqsija stramba / 160 tit-bits / Poeżiji u storja tad-daħk / Mat-30 stampa - bit-tweġibiet / Xogħol ta' Dun Anton Xiberras – kittieb ta' *Dwal, Il-Wieħed u Ħamsin, Sehem Ċkejken, Demm tal-Martri, Ben Said*, Ħolma Vera, *Rebħa Kbira, Antwan* u rebbieħ ta' diversi poeżiji. / X'għandkom tagħmlu? – La tibqgħux mingħajru ... / Għax jiddispjaċikom żgur. / Se joħroġ ma jdumx!!!' Riklam bħal dak t'Awwissu reġa' deher f'Novembru, p.251. F'Jannar 1959 imbagħad, wara li l-ktieb kien ħareġ għall-bejgħ, deher riklam f'p.18: *Mogħdija taż-Żmien* / Il-ktieb li jferraħ, li jneħħi d-dwejjaq, li jgħallmek kif tgħaddi ż-żmien. / La tibqgħux mingħajru; / jinbiegħ mill-Uffiċċju Missjunarju, il-Belt. L-istess riklam deher ukoll fil-ħarġiet ta' Marzu (p.51), Mejju (p.119) u Settembru (p.209), meta mbagħad beda jnaqqas mill-frekwenza tiegħu u baqa' jidher biss kull tant żmien.

Dwar ix-xogħol l-ieħor ta' DAX – il-buzzett *Antwan* – fir-riklam li deher fil-ħarġa t'April 1960, p.78, insibu dan li ġej: 'Il-Kollezzjoni tas-Santa Infanzja, Nru 3, l-isbaħ buzzett li s'issa għandna huwa lest. Jismu *Antwan*. Fih 3 persunaġġi biss. Tistgħu taħdmuh l-iskola, iċ-ċirkolu u d-dar. Iqum biss 1 1/2d. Min ikun irid it-tnejn ta' qabel [i.e. (1) Ħolma Vera u (2) *Rebħa Kbira*], għad fadal. L-istess prezz.' L-istess riklam kien reġa' deher fil-ħarġa ta' Settembru 1961, p.206. Tagħrif addizzjonali dwaru nsibuh fl-Enċiklopedija tan-Naxxar, Vol. 1, p.10: 'Antwan: It-tielet fil-Ġabra tas-Santa Infanzja ta' DAX, buzzett għall-festa tas-Santa Infanzja, stampat f'elf kopja fil-Lux Press, Ħamrun.' ■




TFAL MISSJUNARJI

Programm għat-tfal bi produzzjoni ta' MissioTfal u preżentazzjoni ta' Claudia Cini bl-għajnuna ta' Nancy Camilleri.

Kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Ġimgħa fit-3:30pm fuq Radju Marija 102.3FM (Malta) / 107.8FM (Għawdex).

missioTFAL